# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 175/2016

**Il-Pulizija**

**vs**

**Joseph Mifsud**

Seduta tas-26 t'April, 2017

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-appellant, Joseph Mifsud, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 503455M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bejn l-1 ta' Jannar 2016 u t-8 ta' Jannar 2016, fil-parapett ta' Arianne Garage, Triq tul il-Kosta, Bahar ic-Caghaq, minghajr il-hsieb li jisraq jew jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita dritt li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita' tieghu innifsu, lil xi hadd ihallas dejn, jew esegwixxa obligazzjoni, tkun li tkun, jew fixkel lil Mary Dolores Seychell, fil-pussess ta' hwejjigha b'xi mod iehor kontra l-ligi jew indahal fi hwejjeg haddiehor;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-5 ta' April, 2016 li biha l-Qorti sabet lill-imputat Joseph Mifsud hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu izda lliberat lill-istess imputat taht il-Provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur;

Rat ir-rikors ta' Joseph Mifsud, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-13 ta' April, 2016, premezz ta' liema talab lil din il-Qorti thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena skont il-ligi;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet lix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan l-appell jitratta dwar sejbien ta' htija dwar fatti hekk imsejha ta' *ragion fattasi* kif ravvizati fl-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali wara li l-appellant, allura imputat, allegatament hatt il-hajt divizorju bejn il-parapett tieghu u dak tal-parti civili u rega bnieh b'mod li l-parti civili spiccat b'area ridotta;
2. Il-Kwerelanta xehedet illi hija tipposjedi' zewg *boathouses* adjacenti ghal dik tal-appellant li tinsab fuq ix-xellug taghha u li jgawdu minn area frontali jew *front garden* bil-madum. Iz-zewg areas frontali tal-kwerelanta huma mghaluqa b'hajt fuq kull naha

b'mod allura li wiehed minnhom jiddividi l-parapett taghha minn dik tal-appellant. Fit-8 ta' Jannar 2016 kienet infurmata li xi hadd kien qed iwaqqa' il-hajt li jiddividi z-zewg *front gardens* jew parapetti. Fuq il-post sabet li l-hajt kien inhatt kollu u tqieghed fil-parapett taghha, staqsiet lill-appellant ghaliex kien ghamel hekk u marret taghmel rapport l-ghassa tan-Naxxar. Il-Pulizija wissewh li kellu jerga jibni l-hajt kif kien fi zmien jumejn. Tghid li l-appellant spjegalha li kellu bzonn bicca mill-parapett biex ikun jista' jidritta t-tinda li tahtha iqieghed kiosk. L-appellant rega bena l-hajt li qabel kien miksi u mizbugh izda kif ried hu b'mod illi minn naha tat-triq dahal aktar fil-parapett tal-kwerelanta u l-hajt allura spicca mxattar. Il-hajt inbena in parti fejn qabel kien hemm madum li ratu mormi mal-imbarazz;

3. L-appellant xehed illi huwa hass il-htiega li jerga' jibni dan il-hajt ghaliex il-kwerelanta kienet qabdet u bnietu fuq il-hamrija madwar ghoxrin sena ilu u issa sfronda wara li ghamlet ix-xita. Bhala bniedem fis-sengha tal-gebel, huwa bena l-hajt ezatt kif kien tant li mexa mal-madum bhala gwida. Madwar gimghatejn qabel, l-kwerelanta kienet talbitu jirranga il-kantuniera tal-hajt peress illi kienet ghadha fi stat mhux komplut izda la darba sfronda ddecieda li jirranga l-hajt kollu;

4. Tlett ufficcjali tal-Pulizija li marru fuq il-post ikkonfermaw illi l-hajt kien twaqqa' u li l-kwerelanta kienet talbet lill-appellant sabiex jerga jibni kollox kif kien, liema kawzjoni inghatat ukoll mill-istess ufficcjali;

1. L-aggravju tal-appellant hu li l-ewwel Qorti ma setghetx issib htija kontra tieghu ghaliex ma jirrizultawx l-ewwel tnejn mill-elementi tar-reat ravvizat fl-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali. Il-Qorti taqbel illi l-elementi tar-reat huma dawk elenkati mill-appellant fir-rikors tal-appell tieghu kif assodati fil-gurisprudenza. Kif ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha Il-Pulizija vs Giuseppe Bonavia et (App Krim 14.10.1944 riportata fil-

Vol. XXXII – IV, p.768) u segwita kostantement mill-Qrati taghna, ir-reat in dizamina jehtieg il-konkorrenza tas-segwenti erba' elementi: a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna; b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt; c) ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali; d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi;

5. Kwantu l-ewwel element, l-appellant hu tal-fehma li ma kienx hemm prova li l-hajt rega' inbena b'mod li cahhad lill-kwerelanta minn parti tal-parapett u li kien jispetta lill-prosekuzzjoni li titlob perizja in rigward. Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' dan ghaliex il-kwerelanta ressqet dik il-prova verbali u dokumentarja li turi li hajt ma nbeniex fuq il-linja li fuqha kien mibni precedentement tant illi rat fdalijiet tal-madum tal-parapett mormi mal-imbarazz li ggenera it-twaqqih u bini mill-gdid tal-hajt;

6. Bil-kostruzzjoni mill-gdid tal-hajt, spustat kif inhu, kien hemm att pozittiv li jippriva lit-terz, jew ifixxklu mill-godiment jew pussess tal-haga. Skond il-Carrara – *"L atto esterno deve privare altro contro sua voglia di un bene che gode. Chi e' nell'attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispette di che non voglia; non delinque perche' la legge protegge lo "stato quo", il quale non puo' variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autorita' giudiziale"* (Prog Parte Speciale Vol 5 para 2850);

7. Lanqas ma ghandu ragun l-appellant meta jargumenta illi f'dan l-ezercizzju kien mankanti l-element intenzjonali raffigurat fit-tieni rekwizit elenkat *supra*. Huwa jghid li ghamel dan bi hsieb ta' riparazzjoni u mhux biex jakkwista xi dritt. Tajjeb li jinghad illi quddiem din il-Qorti, l-appellant xehed illi ddecieda li jhott il-hajt ghaliex kien sfronda wara li ghamlet ix-xita. Minkejja dan, l-ebda wiehed mill-ufficcjali tal-pulizija ma semma din il-motivazzjoni meta kellmu lill-appellant fuq il-post. Irid jinghad ukoll illi l-appellant jichad kwalsiasi titolu fuq dan il-hajt u minkejja dan

jghid li ried jibnieh mill-gdid wara li qaghad ihammel il-hamrija u jibni travu tal-konkos biex ikollu fuq xhiex jistrieh, jiksieh u jbajjdu mill-gdid kollox a spejjez tieghu.  Haga din li biha jemergi l-element intenzjonali;

8. Is-sejbien ta' htija mill-ewwel Qorti huwa radikat mill-konvinzjoni tal-konkorrenza tal-erba' elementi li jikkostitwixxu dan ir-reat ipotizzat fl-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali. Minn ezami tal-fatti, din il-Qorti hija tal-istess konvinciment u ghalhekk ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tiddisturba d-decizzjoni tal-ewwel Qorti qabilha;

9. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appell qed ikun michud.